A.L. 88 ta' l-1996

ATT DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA (KAP. 250)

Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 47 ta' l-1972.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew isehhu fl-1 ta' Marzu, 1996.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih fi tmiem il-partita 23 tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:—

"Iżda fil-każ ta' abbonat tat-*telecare* li jkun qed jagħmel użu minn *telecare unit* kif imfisser fil-paragrafi (a) jew (b) ta' din il-partita u li jġib prova għas-sodisfazzjon taċ-*Chairman* li huwa jgħix waħdu u li għandu il-*Pink Card* maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, ma għandu jitħallas ebda dritt għal kera għal dak it-*telecare unit* kemm-il darba dak l-abbonat jibqa' jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija.".